MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1370/2000/1

Maltacom p.l.c.

Vs

Philip Agius and Sons Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta’ Lulju 2000 li permezz taghha ls-socjeta’ attrici wara li ppremettiet li s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn hames mija u sitta u tlettin lira maltin tlieta u disghin centezimu (LM2,536.93) rappresentanti ammont dovut wara hsarat ikkagunati mis-socjeta’ konvenuta lill-proprjeta’ konsistenti f’cables tas-socjeta’ attrici f’Lascaris Wharf, Valletta f’Ottubru 1999; illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ attrici qieghdha tippresenta ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi ghalkemm interpellata biex thallas dan l-ammont anki permezz ta’

ittra ufficjali, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallset xejn; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;
2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'LM2,536.93 rappresentanti ammont dovut kif fuq inghad.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tat-13 ta' Settembru 2000 li permezz taghha eccepiet:-

1. illi t-talba attrici ghandha tkun respinta stante li s-socjeta' konvenuta ma kienetx responsabbli – lanqas l-impjegati taghha – ghad-danni li s-socjeta' attrici tallega li garrbet go cable taghha gewwa Lascaris Wharf, Valletta, f'Ottubru 1999;
2. blapregudizzju l-quantum tad-danni pretiz huwa ezagerat.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta'Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fit-tieni nofs tas-sena 1999 s-socjeta' konvenuta kienet giet kuntrattata mill-Melita Cable biex taghmel xogholijiet ta' trenching gew Liesse Street il-Belt. Bhal ma jsir is-soltu qabel ma jistghu jibdew progetti bhal dawn il-kuntrattur huwa obbligat li jissottometti applikazzjoni mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni – Dipartiment tat-Toroq, ghall-permess mehtieg. Din l-applikazzjoni tigi cirkolata ma diversi dipartimenti jew entitatjiet li jista' jkollhom xi apparat fis-sottosuolo sabiex jittiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex ma ssirx hsara fl-apparat.

Il-permess tas-socjeta' konvenuta jgieb in-numru 613/99 (fol 6 et sequitur). Dan il-permess ghandu fuqu l-firma tal-persuna awtorizzata mis-socjeta' attrici, billi fit-triq fejn kien ser jsir it-thaffir kien hemm xi istallazzjonijiet tal-Maltacom u ghalhekk l-istess permess ghandu mizjud mieghu kundizzjonijiet imposti mill-istess socjeta' attrici liema kundizzjonijiet jidhru li huma accettati mill-kuntrattur u iffirmati minnu in calce.

Dawn il-kundizzjonijiet jistipulaw fl-ewwel lok l-obbligu tas-socjeta' attrici li tindika fuq is-superfici tat-triq b'mod kemm jista' jkun ezatt, l-posizzjoni tat-*Telecomunications infrastructure* ezistenti. Biss l-istess socjeta' attrici ma taghti ebda garanzija li dawn il-marki li jsiru mill-impjegati taghha jkunu ezatti. L-istess kundizzjonijiet ghalhekk jobbligaw lill-kuntrattur li jiehu "*all the responsibility to take the necessary precautions to assure that the underground infrastructure is not damaged.*" Fost dawn il-prekawzjonijiet l-kundizzjonijiet jistipulaw li l-kuntrattur ghandu jaghmel "*the appropriate number of pilot holes to ascertain oneself <u>the whereabouts</u> of the buried plant with the aim that no damage is caused.*" L-istess kalwsola 2 tal-kundizzjonijiet tistipola ukoll li inoltre "*the contractor is to make use of the proper track location equipment".*

Fil-klawsola numru tlieta tal-istess kundizzjonijiet jinghad li "*optic cables, empty ducts and cables laid <u>beyond a certain depth</u> cannot be track located."* Ghalhekk f'dan il-kaz il-kuntrattur huwa obbligat li juza appart ta' tahffir li ma jikkawzax hsara lil din l*"infrastructure. Hand tools are recomneded for such work."*

Hemm kundizzjonijiet ohra fl-imsemmi permess li huma ta' natura procedurali u jidher mill-assjem tal-provi li s-socjeta' konvenuta ottemperat ruhha maghhom u ghalhekk huma rrilevanti ghas-soluzzjoni tal-mertu.

Fis-26 ta' Ottubru 1999 waqt li s-socjeta' konvenuta kienet ghaddejja bix-xogholijiet ta' skavar u kienet qed tespori bihom minn taht il-mina ta' Liesse, kien hemm indikat fil-karreggata sinjal biz-zebgha hadra li kien jindika li kien hemm xi apparat tas-socjeta' attrici jaqsam il-linja tat-trinka transversalment. Ghalhekk minn distanza ta'cirka zewg metri mil-linja indikattiva, l-operatur tat-'trencher' gholla x-xafra biex jevita li jolqot l-cables tas-socjeta' attrici izda hekk kif gie ezatt fuq il-marka li kien hemm fil-karreggata bdew hergin hafna wires u grat il-hsara li qed tilmenta dwarha s-socjeta' attrici.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-hsara in kwistjoni giet kawzata mis-socjeta' konvenuta waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet ta' skavar intraprizi. Izda ghalkemm is-socjeta' attrici qed tattribwixxi responsabbilita' ghall-akkadut lis-socjeta' konvenuta din, da parti taghha, qed tichad responsabbilita' billi ssostni li din il-hsara ma grat tort taghha izda pjuttost minhabba nuqqas tal-istess socjeta' attrici stante li l-'cables' ma kienux fil-fond regolamentari.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jidher li huwa benn stabbilit li cables tas-socjeta' attrici li jitpoggew taht l-art ghandhom ikunu fi fond ta' bejn pid u nofs u zewg pidi mill-wicc tat-triq. Infatti dan huwa ammess mir-rappresentanti tas-socjeta' attrici ghalkemm dawn stqarrew li filwaqt li huma jkollhom indikazzjoni ta' minn fejn jkun ghaddej il-cable ma jkunx jafu f'liema fond ikun jinstab. B'dana kollu jidher li l-principju huwa generalment dak u cioe li cable jrid jkun fi fond ta' cirka 2 pidi taht il-wicc tat-triq.

Issa f'dan ir-rigward jidher li hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li xhedu r-rappresentanti tas-socjeta' attrici u dak li xhed id-direttur tas-socjeta' konvenuta u r-rappresentanti

tas-socjeta' assikuratrici tieghu. Ta' l-ewwel sostnew li l-cables in kwistjoni kienu jinsabu f'aktar minn pid u nofs fond u ghalhekk l-konvenut kien negligenti billi zamm ix-xafra tat-trencher fi fond aktar minn dak indikat meta jkun hemm cables ghaddejin taht l-art ghax kieku ma kienx jolqothom. Mentri il-konvenut u r-rappresentanti tal-assikurazzjoni jghidu li dawn il-cables kienu jinsabu mhux aktar minn ghaxar pulzieri l-isfel mill-wicc tat-tarmac u cioe fejn mhux suppost kienu. Fortunatament gew ezebiti ritratti izda filwaqt li dawk li ppresentat is-socjeta' attrici ma huma cari xejn ghal dak li huwa fond tal-cables mill-wicc tat-triq, dawk ezebiti mir-rappresentanti tas-socjeta' assikuratrici juru bic-car mhux biss l-manuvra li ghamlet it-trencher tal-konvenut qabel ma sehh l-incident cioe minn fond ta' cirka hames pidi telghat b'mod li kemm kemm tnehhi l-wicc tat-triq, izda jidher li l-istess cables li gew danneggati jinsabu f'livel ferm baxx u cioe qrib hafna il-wicc tat-triq u li kienet din ir-raguni li sehh l-incident u gew kkawzati d-danni.

Illi lanqas ma wiehed jista' jattribwixxi xi responsabbilita' lill-konvenut a bazi tal-kondizzjonijiet fil-permess. Infatti kif gja intqal il-konvenut ottempera ruhhu mal-kondizzjonijiet kollha tal-permess billi qabel ma beda x-xoghol sejjah rappresentant tas-socjeta' attrici biex jigi indikat fejn kien gaddej il-cable. Inoltre dak kollu rikjest minnu fil-permess, skond ix-xiehda prodotti mis-socjeta' attrici, gie attwat. Dwar l-prekawzjonijiet imsemmija fil-klawsola numru 2 tal-Kondizzjonijiet jigi rilevat li l-kuntrattur ma kellux ghalfejn jaghmel 'pilot holes' billi l-Overseer tas-socjeta' attrici kien indika b'ezattezza l-posizzjoni tal-cable fit-triq, u ghaldaqstant lanqas kien hemm il-bzonn ta' *track location equipment.* Illi inoltre kieku il-cables kienu jinsabu, kif mehtieg mis-sengha u l-arti, fil-fond necessarju, t-trencher u l-mod kif kien qed jigi uzat, kien apparat adegwat ghax-xoghol in kwistjoni u tali li ma jikkawza ebda hsara.

Illi fl-ahharnett ir-referenza li saret mis-socjeta' attrici ghal dak li qal l-konvenut wara l-incident kif riportat fl-Overseers Report u cioe li "the damage was caused accidentally" ma tista' tittiehed bhala ammissjoni ta' responsabbilita' da parte tal-konvenut billi certament din il-

hsara grat b'accident. Kieku kien altriment kien jkun il-kaz li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut fuq reat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J.Magri